MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 811/1997/1

John Calleja
vs
Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni, Direttur ta' l-Edukazzjoni u Chairman u Membri tal-Bord

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta:

1. Illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta tas-Sajf ta' l-1991 ir-rikorrent John Calleja sofra ingustizzja billi meta fis-Sajf ta' l-1991 ir-rikorrent gie mitlub biex imur ghal intervista rigward l-applikazzjoni tieghu ghal post ta' Ufficjal ta' l-edukazzjoni ghall-Edukazzjoni Fizika, liema intervista damet biss ghal madwar kwarta, kienet immexxija minn Bord, li fil-fehma umli tar-rikorrent ma kienx kompetenti biex jezamina l-persuni intervistati.

2. Illi r-rikorrent kien issottometta diversi dokumenti li indikaw il-kwalifiki tieghu kemm lokali kif ukoll minn pajjizi barra minn Malta, l-iktar wiehed importanti kienet diploma fl-edukazzjoni fizika minn Caragie University ta' Leeds. Dina kienet l-oghla kwalifika li wiehed seta' jottjeni fl-Edukazzjoni Fizika u hija rikonoxxuta internazzjonalment.

3. Illi r-rikorrent John Calleja kien serva bhala Assistent ghall-Ufficjal ta' l-Edukazzjoni, Edukazzjoni Fizika sa mill-1963, biss fuq il-bazi ta' dina l-intervista, li jerga' jirrepeti ma damitx iktar minn kwarta, il-Bord fis-Sajf ta' l-1992 li kien inkarigat li jaghmel l-ghazla, m'ghazilx lir-rikorrent, billi bl-iktar mod inkredibbli ddikjara li r-rikorrent ma kienx kwalifikat bizzejjed u dana minkejja d-diploma, li giet esebita mac-citazzjoni, u ma kellux bizzejjed esperjenza u dana minkejja illi huwa kien ilu involut fl-edukazzjoni fizika f'kull livell ta' l-iskola sa mill-1963.

4. Illi ghall-informazzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, l-ebda persuna ma kienet giet maghzula f'dik l-intervista u l-ufficjal li kien inkarigat mill-edukazzjoni fizika gie moghti estensjoni minhabba li ma kenitx saret ebda ghazla.

5. Illi r-rikorrent qies dana l-att bhala wiehed ingust u allura huwa, permezz ta' dina t-talba, talab illi l-kaz tieghu jerga' jigi rivedut b'mod illi minkejja li llum ir-rikorrent hareg bil-pensjoni huwa ghandu jinghata rimbursar tad-differenza tas-salarju li kien jircievi bejn l-1992 u s-27 ta' Settembru 1997 meta r-rikorrent irtira u allura r-revizjoni konsekwenzjali ghall-pensjoni ta' l-istess rikorrent, kieku fic-cirkostanzi r-rikorrent kien inghata dan il-post.

6. Illi fir-paragrafi precedenti kien hemm il-fatti tal-kaz kif kienu fil-qosor kif ukoll fejn ir-rikorrent issottometta li kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

7. Illi, ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997

dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi r-rikorrent ghandu jinghata d-differenza fis-salarju ta’ dak li kieku kien jaqla’ bejn l-1991 u s-27 ta’ Settembru 1997, meta r-rikorrent irtira, kif ukoll l-aggustament rizultanti li ghandu jsir ghall-pensjoni tieghu fid-dawl ta’ din it-talba.

8. Illi ghal kull buon fin, b’estensjoni mat-talba, jekk jirrizulta lit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji li r-rimedju mitlub ma jistax jinghata, li l-imsemmi Tribunal ghandu jordna li jithallas kumpens f’ammont ta’ Lm5000 u dana biex jaghmel tajjeb ghall-ingustizzja sofferta mir-rikorrent fid-dawl tal-kontenut tar-rikors odjern.
Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta ta’ l-Onor. Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali u tad-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni li eccepew:

1. Illi preliminarjament, il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi c-Chairman u l-membri tal-Bord li fis-Sajf ta’ 1991 intervistaw lill-persuni li applikaw ghall-post ta’ Ufficjal ta’ l-Edukazzjoni ghall-edukazzjoni fizika huma mahtura mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghalhekk din ghandha tigi kjamata fil-kaz sakemm dan huwa permess mill-Att VIII ta’ l-1997 (ara dok A) **u jekk din ir-revizjoni hija permessa mill-Kostituzzjoni ta’ Malta.**

3. Il-procedura kollha esegwita dwar is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-kariga msemmija hija din:

i. Fil-11 ta’ Mejju 1992 harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-post ta’ Education Officer (Physical Education u Sporting Activities) fid-Dipartiment ta’ l-Edukazzjoni. (ara dok B)

ii. Illi l-process tal-ghazla kien f'idejn il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

iii. Illi r-rikorrent s-Sur John Baptist Calleja (ID No. 700836(M)) ma kkwalifikax (ara dok C).

iv. Illi fil-25 ta' Marzu 1993, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku approvat ir-rizultat tal-Bord ta' l-Ghazla (ara dok D)

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ghandu jichad it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ilmenta li hass li saret ingustizzja mieghu meta ma nghatax il-promozzjoni meta hu kellu r-rekwiziti kollha fic-cirkulari u kellu l-oghla kwalifika li seta' jottjeni f'dan is-suggett. Qal li hass li saret ingustizzja mieghu peress li kien hemm il-htiega ghal Education Officer Physical Education, u minflok ma ntghazel ir-rikorrent gie moghti estensjoni l-persuna l-Acting u cioe` Vincent Zammit. Hu qal li sofra telf fis-salarju u anki meta wasal ghall-pensjoni sofra telf f'din ukoll. Semma li kien ghamel kors ta' sena fl-edukazzjoni fizika gewwa Leeds fejn inghata d-Diploma fl-Edukazzjoni fizika.

In kontro ezami semma li kien idur il-P.E. teachers fl-iskejjel differenti u jara li kollox miexi sewwa u jaghmel ir-rapporti. Qal li lil Vincent Zammit jafu u hadmu flimkien izda hu kien kwalifikat iktar minn Zammit peress li kellu

certifikati fl-isports li Zammit m' ghandux izda bhala seniority Zammit kellu iktar. Iccara s-sitwazzjoni tieghu bejnu u bejn Vincent Zammit. Qal li Zammit kellu iktar seniority minnu peress li kien dahal qablu fil-P.E. section izda l-grad tieghu kien ta' Assistant Head u ghalhekk kellu iktar seniority minn Zammit. Zied ighid li hu kien issodisfa l-kundizzjonijiet kollha li kienu fic-cirkulari u b'sorpriza kbira tieghu, l-membri tal-bord ghazlu wiehed li kien Acting Education Officer u dan kien inghata estensjoni ghalkemm kien fl-eta` tal-pensjoni u wara meta skada t-terminu tal-intervista ftit aktar minn sena sar haddiehor. Spjega li l-persuna li kien ta' eta` tal-pensjoni kien Vincent Zammit u mbagahd kien sar Joe Psaila. Qal li l-intervista damet biss kwarta u sarulu domandi generici hafna dwar it-tfal Maltin u l-Edukazzjoni Fizika.

Xehed Antoinette Borg Grech li qalet tiftakar lir-rikorrent meta saru intervisti ghal Education Officer. Qalet li hi ghall-habta tal-1992 kellha l-kariga ta' Deputy Director fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u qalet li kienet haga normalissima li tkun appuntata fuq selection boards. Spjegat li kienet tigi lista bin-nies nominati approvati mill-P.S.C. biex jistghu jsiru l-intervisti u ma' dawn kienu jigu wkoll il-kriterji kif ghandhom jintghazlu dawn in-nies bhal kwalifiki, snin ta' servizz u ohrajn. Semmiet li fil-bord tal-intervista jkun hemm ic-Chairman, ir-rapprezentant tal-Personnel, Ufficcju tal-Prim Ministru u l-iehor x'aktarx kien ikun xi hadd mis-suggett. Qalet li wara kull intervista l-Bord jiddiskuti u hemm jigi deciz x'ikun ir-rizultat ta' dik l-intervista. Semmiet ukoll li kien is-Sur Buhagiar il-membru tal-Bord f'din l-intervista li kien fis-Support Services, jigifieri fl-sports. Qalet li l-ghazla ta' l-Education Officer minbarra l-qasam ta' l-sports kien hemm oqsma ohra bhal irid jaghti taghrif lill-ghalliema, irid jippjana l-curriculum u jrid jaghti taghrif fuq is-syllabus.

Spjegat li l-bord johrog ir-rizultat tal-intervista u mbghad jibghat lill-P.S.C., u l-Ufficcju tal-Prim Ministru ma jidholx f'dan. Qalet li l-Bord ha in konsiderazzjoni l-applikazzjoni u s-C.V. tal-applikanti. Qalet ukoll li lill-applikanti kienu jafuhom u wara li l-membri tal-bord taw l-opinjoni taghhom personali.

Xehed Mario Cacciattolo rapprezentant tal-Education Division li qal ir-rikorrent kien applika ghal Education Officer, saret is-sejha ghall-applikazzjonijiet skond kriterji u kwalifiki accettati mill-P.S.C. u applikaw diversi ufficjali izda r-rikorrent biss kellu l-kwalifiki rikjesti. Qal li r-rikorrent resaq ghall-intervista imma ottjena 37 marka u m'ghaddiex. Esebixxa r-rizultat shih tal-intervista a fol 88 et, rizultat tal-bordijiet kollha tal-Education Officers. Esebixxa wkoll ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla a fol 115. Zied ighid li l-marki kienu standard ghas-suggetti kollha li kienu qed japplikaw ghalihom l-ufficjali kollha u l-bord kellu l-kriterji standard ghad-disa' jew hdax-il suggett li kien hemm dak iz-zmien. Qal ukoll li lill-applikanti ma javzahom hadd dwar kemm jistghu jiehdu ta' kull degree. Fil-kaz tas-Sur Calleja qal li l-bord kellu table tal-marki lesta hemmhekk, u l-Bord dakinhar sabiex jaghti l-marki fuq dan qal li ezempju dottorat ifisser daqshekk marki, MA ifisser daqshekk marki ecc.

Qal li ghall-promozzjoni li kien applika ghaliha r-rikorrent kien hemm tlett applikazzjonijiet tnejn minnhom instabu li mhux eligibbli. Qal li r-rikorrent kien il-persuna eligibbli izda l-bord kien iddecieda li s-Sur Calleja m'ghaddiex mill-ezami u dakinhar ma sar hadd. Qal ukoll li s-Sur Calleja jekk kellu diploma izda kif qal hu kienet l-oghla wahda fis-suggett seta' jigbed l-attenzjoni lill-membri tal-bord biex il-bord jaghti kaz iktar din il-kwalifika.

**KONKLUZJONIJIET:**

Gie eccepit li l-Ministru tal-Edukazzjoni mhux il-ligittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-tieni eccezzjoni moghtija ssemma li c-Chairman u l-Membri tal-Bord kienu mahtura mill-PSC. Issa l-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn il-Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid

jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali. Bl-istess mod ma hemmx ir-rapprezentanza legali fic-Chairman u l-Membri tal-Bord tal-Ghazla. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex il-Ministru tal-Edukazzjoni u c-Chairman u l-Membri tal-Bord ghandhom ikunu fil-kawza. Ghalhekk Ministru tal-Edukazzjoni u c-Chairman u l-Membri tal-Bord mhumiex il-legittimi kontraditturi. [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Ministru tal-Edukazzjoni u c-Chairman u l-Membri tal-Bord u ghalhekk jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Inoltre ghal kull buon fini t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza minnu moghtija fis-7 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha.

L-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li hu jsostni li kien haqqu jinghata l-kariga ta' Education Officer (Physical Education and Sporting Activities) fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni in segwitu ta' cirkolari mahruga fit-30 ta' Novembru 1992. Ir-rikorrent kien applika flimkien ma' tliet persuni ohra. Mir-rizultat jidher li t-tliet persuni l-ohra li applikaw ghal dan il-post ma kienux eligibbli fit-termini tal-paragrafu 1 (b) (i) u (ii) tac-cirkolari P.S.C. 2/92.

Il-kwalifiki li r-rikorrent kellu kienu diversi izda senjatament Diploma fl-edukazzjoni fizika minn Carnagie University ta' Leeds. Jinghad li din kienet Diploma li fiz-zmien in kwistjoni kien ikollhom dawk l-aktar kwalifikati fil-qasam tal-isports.

Il-bord tal-ghazla kien wasal li l-kriterji tal-allokazzjoni tal-marki kellha tkun fuq il-bazi ta' kwalifiki 25, esperience 25, suitability 35 u personality 15. Jinghad li ghall-kwalifiki l-bord alloka 13-il marka lir-rikorrent. Jinghad li l-allokazzjoni ta' marki ghall-kwalifiki hija kriterju relattiv u dan minhabba l-fatt li livell ta' kwalifika trid tigi evalwata ghall-grad li ghaliha persuna tkun qed tapplika kif ukoll

komparata mal-livell ta' kwalifiki ta' applikanti ohra. Issa fil-kaz in ezami l-applikazzjoni tar-rikorrent hija dik ta' Education Officer senjatament ghall-isports fejn ma kien hemm ebda persuna ohra tikkonkorri minhabba li dawk l-ohra li applikaw ma kienux eligibbli. Id-Diploma li kellu r-rikorrent kienet Diploma li f' Malta f' dawk iz-zmenijiet kienet kunsidrata bhala wahda ta' livell gholi u ghalhekk meta dan it-Tribunal iqis il-fatturi kollha fuq imsemmija jhoss li certament l-allokazzjoni ta' 13-il marka minn 25 ghall-kwalifiki hija ferm limitata b' mod li certament ir-rikorrent kien haqqu 20 marka. Ir-rikorrent inghata 14-il marka minn 25 ghal esperjenza. Issa irrizulta li r-rikorrent kien ilu ghal xi zmien jahdem fl-istess sezzjoni u ghalhekk certament li kellu esperjenza. Dan gie rikonoxxut mill-bord li fil-fatt tah 14 minn 25 marka. Hawnhekk ukoll it-Tribunal isib li l-bord tal-ghazla kellu idejh ftit maghluqa fl-allokazzjoni ta' marki lir-rikorrent. It-Tribunal isib li l-kriterju ta' suitability huwa kriterju li fih innifsu huwa ferm suggettiv u li gew allokati ghalih 35% tal-marki. Meta persuna tkun kwalifikata u jkollha esperjenza sufficjenti kif jirrizulta mill-apprezzament stess tal-istess bord dwar ir-rikorrent kif jista' jkun li din il-persuna tigi allokata biss 5 marki ossija 15% tal-marki? Hawn ukoll jidher li l-apprezzament tal-bord kien wiehed ferm iebies b' mod li l-bord wasal ghall-konkluzjoni li ma kien hemm hadd li haqqu l-hatra u l-konkluzjoni ta' dan kollu kienet li ma sarx ir-rikorrent u Acting ghal numru ta' snin saret persuna li anqas biss kienet eligibbli ghall-kariga msemmija u hawnhekk certament it-Tribunal isib il-qofol tal-ingustizzja b' mod li r-rikorrent bata finanzjarjament ghal numru ta' snin f'paga inferjuri u jrid jibqa' jbati pensjoni inferjuri u minhabba l-fatt li hu gie misjub mhux ta' livell sufficjenti waqt li persuna li anqas biss kienet eligibbli spiccat Acting ghal numru ta' snin.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Direttur tal-Edukazzjoni, u peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv minhabba l-fatt li ormai huwa inutili li wiehed jghid li r-rikorrent jigi mahtur ghal dik il-kariga, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira Maltin [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat Direttur tal-Edukazzjoni, hlief ghal dawk relattivi ghall-Ministru tal-Edukazzjoni u c-Chairman u l-Membri tal-Bord li huma a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------